MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 583/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Simone Azzopardi (K.I. 122567M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ disa’ mija wiehed u tlettin ewro w tnejn u sittin centezmu (€931.62) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru 40098301 skont diversi kontijiet mibghuta lilha w skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati IZY 1 u 2.

Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta dehret ghas-seduta tat-28 ta' Gunju, 2010 fejn taht guramanet ammettiet it-talba.

It-Tribunal huwa ghalhekk sodisfatt illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi w kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------